**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 30 ta' Mejju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 72/2022 JPG**

**Kawza Nru. 22**

**PJP**

**Vs**

**U b'digriet tal-25 ta' Mejju 2022 gew nominate Dr Joseph P Bonnici u PL Nadine Farrugia bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-mejjet DF.**

**U b'digriet tal-25 ta' Mejju 2022 gew nominate Dr Joseph P Bonnici u PL Nadine Farrugia bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita gjacenti DF;**

**GP**

**CP**

**Direttur Registru Pubbliku;**

**U b'digriet tal-15 ta' Gunju 2023 gew kjamati in kawza FF, GS, MF, SG, GF, MB, NF, EH, FG, RC, MS, DF, u GCF**

# Il-Qorti:

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2023 (vide fol 140 et seqq) fejn ordnat ex officio l-kjamata in kawza tal-imsemmija FF u hutu, qua eredi tad-defunt DFu ordnat lill-attur sabiex jinnotifika lill-kjamati in kawza bir-rikors promotur u l-atti sussegwenti l-ohra, u akkordat lill-kjamati in kawza ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika d-dritt li jintvaolaw l-eccezzjonijiet li jidhrilhom xieraq;

Rat ir-risposta guramentata ta' FF u hutu qua eredi tad-Defunt DF datat 9 ta' Awwissu 2023 (vide fol 149 et seqq) u li fl-imsemmija risposta guramentata FF u hutu eccepew l-eccezzjoni tar-*res judicata;*

Semghat it-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 1 ta'Marzu 2024;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza preliminarja fuq l-eccezzjoni preliminarja eccepieta mill-kjamati in kawza fir-risposta guramentata taghhom datata 9 ta' Awwissu 2023, fejn l-imsemmija kjamati in kawza, FF u hutu *qua* eredi tad-Defunt DF, eccepew is-segwenti u cioe:

> *"Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponenti jeccepixxu r-res judicata u dana in vista tal-fatt li l-istess kawza tinsab diga' kjarament deciza permezz ta' gudizzju finali noghti fil-kawza JP f'isem u fl-interess ta' binha minuri PJP v FF li permezz tad-digriet datat 30 ta' Ottubru 2017, gie nominate bhala kuratur sabiex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' DF, b'digriet datat 1 ta' Frar2018 gew msejjha fil kawza, GS, MF, SG, GF, MB, EH, FG, RC, MS, FD, u GCF u permezz tad-digriet datat 13 ta' Frar 2018, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta' CP u Direttur tar-Registru Pubbliku (Rik.Nru.181/17 AGV) moghtija minn dina l-istess Onorabbli Qorti fit-28 ta' Mejju 2020 u konfermata mill-Onor. Qorti tal-Appell fil-20 ta' Jannar 2022, Kopja tal-istess decisjonijiet qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok A u B rispettivament minn fejn jirrizulta car li l-istess rikorrenti issa qed jittenta*

*jressaq mill-gdid l-azzjoni odjerna din id-darba f'ismu meta in vista tal-eta minuri tieghu meta giet intavolata l-ewwel kawza, din tal-ahhar kienet diga' tressqet minn ommu f'ismu."*

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward l-eccezzjoni tar-*res judicata* fid-decisjoni fl-ismijiet ***Charles Cortis vs Francis X. Aquilina*** deiza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta' Settembru 2023 mill-Onor Imhallef Mr. J. R. Micallef gie ritenut illi:

***"…llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est);***

***Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija; Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat;***

***Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil***

***dik is-sentenza.[1] Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ ittieni kawża jkun diġa' jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[2];***

Il-Qorti fis-sentenza su-citata ziedet illi:

> *"**Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni;[3]"***

Illi din l-istess pozizzjoni giet abbracjata ukoll fid-decisjoni fl-imsijiet: ***Gauci Martin vs K.M.L. Manufacturing Limited*** deciza nhar l-14 ta' Novembru 2007:

> ***Ma jidhirx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija strictissimae interpretationis. Tant illi kif jissokta jinghad b'citazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Palermo (03.03.1898)" la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argumenti piu o meno forzati o da inesattezze affermate dal magistrate con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata.[4]***

Illi dawn l-insenjamenti gew ri-affermati b'approvazjoni fis-sentenza fl-ismijiet: ***Dottor Jose Herrera nomine vs Anthony Cassar et nomine*** **tal-5 ta' Ottubru 1992.**

Illi gie ritenut ukoll illi:

> ***Dan sal punt li f' kaz ta' dubju d-decizjoni tal-Qorti (l-Bord) ghandha tkun kontra li tigi milqugha l-eccezzjoni tal gudikat ghax altrimenti jigi ndebitament pregudikat l-attur (l-applikant) in kwantu jigi mcahhad milli jkollu t-talbiet tieghu definiti giudizzjarjament. L-exceptio judicati ghandha bhala fundament taghha l-interess***

[1] Ara P.A. 11.3.1949 fil-kawża fl-ismijiet Cassar Parnis vs Soler (Kollez. Vol: XXXIII.ii.344);
[2] P.A. GV 27.6.1995 fil-kawża fl-ismijiet A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et (Mhix pubblikata)
[3] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 5.10.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Camilleri vs L. Mallia (Kollez. Vol: LXXXII.ii.305), u s-sentenzi hemm imsemmija

[4] Vide ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Kummercjali deciza nhar il-5 ta'Novembru 1934 fl-ismijiet Francesca Aquilina vs Neg Giuseppe Gasan et.

***pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f' kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni (Vol. XXIX.i.1155)***[5]

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tosserva illi l-pern tal-kwistjoni tal-eccezzjoni eccepita tirrisali ghal-sentenza tal-Qorti tal-Familja kif diversament preseduta, deciza nhar il-28 ta' Mejju 2020. Illi dawk il-proceduri kienu gew intavolati minn omm l-attur (l-attur fil-kawza odjerna), f'isem u fl-interess tal-istess attur li dak iz-zmien kien ghadu minuri, kontra FF li permezz tad-digriet datat 30 ta' Ottubru 2017, gie nominat bhala Kuratur sabiex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' DF, b'digriet datat 1 ta' Frar 2018 gew msejjha fil kawza, *GS, MF, SG, GF, MB, EH, FG, RC, MS, FD, u GCF* u permezz tad-digriet datat 13 ta' Frar 2018, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta' CP u Direttur tar-Registru Pubbliku.

Fit-trattazzjoni, il-kjamati in kawza sostnew illi t-tliet elementi necessarji sabiex tigi eccepieta l-eccezzjoni tal-gudikat jikkonkorru u li dak li intalab fiz-zewg proceduri, huwa kontestazzjoni tal-istat civili naxxenti mic-certifikat tat-twelied, b'dikjarazzjoni li l-missier naturali huwa id-defunt DF, b'dana illi s-suggett huwa wiehed identiku, b talbiet li essenzjalment huma identici.

Minn naha l-ohra, l-attur sahaq illi fis-sentenza citata mill-kjamati in kawza, il-meritu ma giex trattat, izda gew biss trattati u decizi eccezzjonijiet preliminarji. Zied illi f'dana l-istadju, hemm prova gdida fir-rigward kampjuni disponibbli ghad-DNA u dana stante li d-defunt DF kien qieghed rikoverat l-isptar, u ttiehdu numru ta' kampjuni tul ir-rikovru tieghu l-isptar. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu d-Direttur tar-Registru Pubbliku ssottometta illi filwaqt illi fil-fehma tieghu l-element tal-*Eadem Personam* gie sodisfatt, l-eccezzjoni tar-*res judicata* tfalli senjatament minhabba l-element tal-*Eadem Res*. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku spjega illi l-element tal-*Eadem Res* u *Eadem Causa Petendi*, jistghu jigu allacjati flimkien, b'dana illi l-oggett tal-kawza irrid ikun l-istess u cioe, il-meritu, l-azzjoni u t-talbiet irridu jkunu identici.

Zied illi filwaqt li mal-ewwel daqqa t'ghajn jidher illi l-kawzi huma identici, wara ezami aktar approfondit, jirrizulta illi l-kawza bin-numru 181/17AGV kienet ibbazata fuq l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kawza odjerna giet istitwita abbazi tal-artikolu 86A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-gudikat tfalli u ghalhekk ma tistax tintalaqa'.

---

[5] Vide *"Giuseppa mart Leonardo Mizzi et –vs Joseph Sacco", Appell, 31 ta' Mejju 1996 kif ri-prodotta fid-decisjoni Difesa Joe vs MEPA deciza nhar is-6 ta' April 2005.*

**Ikkonsidrat:**

***L-element tal- Eadem Personam***

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta illi filwaqt li l-proceduri bin-numru 181.17AGV gew istitwiti mill-omm u cioe JP detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 0697062 M f'isem u fl-interess ta' binha, PJP, dak iz-zmien minuri kontra:

i. FF li permezz tad-digriet datat 30 ta' Ottubru 2017, gie nominat bhala Kuratur sabiex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' DF, b'digriet datat 1 ta' Frar 2018 gew msejjha fil kawza, *GS, MF, SG, GF, MB, EH, FG, RC, MS, FD, u GCF*;
ii. CP u cioe ir-ragel tal-imsemmija JP, li permezz tad-digriet datat 13 ta' Frar 2018, il-Qorti ordnat illi jigi kjamat fil-kawza; u
iii. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi l-proceduri odjerni, gew intavolti minn PJP, ormai maggiorenni, kontra:

i. FF li permezz tad-digriet datat 30 ta' Ottubru 2017, gie nominat bhala Kuratur sabiex jirraprezenta l-eredita' gjacenti ta' DF, b'digriet datat 1 ta' Frar 2018 gew msejjha fil kawza, *GS, MF, SG, GF, MB, EH, FG, RC, MS, FD, u GCF*;
ii. Ommu, issa indikata bhala JP detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 0697062 M;
iii. CP u cioe ir-ragel tal-imsemmija JP, indikat bhala missier l-attur fuq ic-certifikat tat-twelied tal-istess attur;
iv. Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi ghalhekk, din il-Qorti tqiss illi l-ewwel element u cioe dak tal-*Eadem Personam* huwa sodisfatt.

***Eadem Res u Eadem Causa Petendi:***

Fir-rigward iz-zewg elementi l-ohra u b'referenza ghall-istess, din il-Qorti tosserva illi matul iż-żmien inqalgħu għadd ta' diffikultajiet dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l- "istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża.

***L-Azzjonijiet:***

Illi fl-imsemmija proceduri u cioe dawk bin-numru 181/17 AGV l-attrici talbet illi:

> *1. Tiddikjara illi PJP huwa l-wild naturali u bijologiku ta' DF, okkorendo n-nomina ta' esperti medici biex isiru ttestijiet kollha necessarji u opportuni;*
> *2. Tiddikjara li DF, huwa ghal finijiet u effetti kollha l-missier naturali tal-minuri PJP;*
> *3. Tiddikjara illi l-minuri PJP huwa eredi tad-defunt DF;*
> *4. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il- korrezzjoni kollha mehtiega fl-att tat-twelid bin-numru tarregistrazzjoni 3253/2003, inkluz billi fl-istess att jitnehhew il-kliem 'CP , fil-kolonna ta' isem il-missier tat-tarbija u minflok jidhlu l-kliem 'DF*
> *5. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Publiku sabiex jaghmel il- korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3253/2003, inkluz att il-minuri minflok jibqa' jissejjah bhala PJP, jibda' jissejjah bhala PJFP*
> *6. Tordna lil istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jippubblika l-att tat-twelid, iehor kif hekk korrett;"*

Illi kemm l-intimati su indikati u kif ukoll id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepew sensiela ta' eccezzjonijiet preliminari, b'dana illi l-eċċezzjonijiet li huma rilevanti huma dawk numru tlieta u sitta li ta d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u li jaqraw:

> *"3. Illi bla ħsara għall-premess u in linea preliminari wkoll, għall-inqas mill-atti li ġew notifikat lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni meħtieġa ai termini tal-artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċentrata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita ai termini tal-artikolu 77A jew Artikolu 77B tal- Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istant – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-posizzjoni tagħħa immedjatament. ........*

*6.Illi fl-istess waqt huwa estremament importanti ġialadarba l-minuri għandu tlettax-il sena, li tiġi megħluba l-prezunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċement jiġi muri illi l-pussess ta' stat tal-minuri, ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu".*

Illi sussegwentement u kif jirrizulta mis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, l-attrici kif indikat fil-verbal *a fol 49* tal-atti, kienet iddikjarat illi r-rikors promotur huwa msejjes *ai termini* tal-Artikolu **77C tal-Kap.16**. Illi mit-test tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020 jirrizulta s-segwenti:

*"Dina l-Qorti ghandha diversi eccezzjonijiet preliminari li gew quddiemha u ghandhom jigu decizi minnha, uhud gew issorvolati fil-mori tal-proceduri, pero' dawk li fadal, huma tali li decizjoni fuq wahda tiddetermina lil ohra u ghaldaqstant ser tiddeciedi l-ewwel fuq dik l-eccezzjoni preliminarji li hija detrimentali ghall-bqija tal-andament tal kawza.*

***Awtorizzazzjoni taht l-artikolu 77C u l-artikolu 81 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta***

*Id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa l-irritwalita' u n-nullita' tal-kawza, stante li ma gewx osservati l-proceduri kkontemplati taht l-Artikolu 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress li skadew is-sitt xhur minn meta twieled it-tifel u kellha tintalab a priori awtorizzazzjoni sabiex tinfetah dina l-kawza.*

*L-attrici titlob li dina l-eccezzjoni tigi respinta in vista tal-fatt, li pprezentat provi li juru li l-minuri DE, mhux wild zewgha ZC, minkejja li dejjem rabbih hu. Issostni li l-provi taghha gew issostanzjati bid-dikjarazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar li zammet it-testijiet genetici fuqha, fuq zewgha u l-minuri DE.*

*L-attrici ghamlet referenza ghall-kaz Michelle Vella pro.et. noe. vs Mario Vella fejn il-fatti kienu simili hafna, pero' ghad-differenza ta' dina l-kawza,* ***fejn il-Qorti qieghda tiddeciedi biss fuq l-eccezzjonijiet preliminari*****,[enfazi ta' din il-Qorti]** *il-Qorti fil-kawza odjerna kienet qed tippronunzja ruhha ukoll fuq il-mertu.*

*Omissis*

*Fil-kaz odjern, pero', dina l-Qorti qiedgha* ***biss tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari u lanqas ghadha biss semghet provi dwar il-mertu. [enfazi tal-Qorti]***

*Omissis*

*Minn dawn il-provi, ghalhekk, jirrizulta li l-minuri kellu rabta b'sahhitha mal-konvenut ZC u anke ma' hutu. Peress illi l-iskop wara l-Artikolu 77C huwa jekk huwiex fl-interess tal-minuri jew ta' xi wiehed mill-partijiet, jew parti ohra, li jigi attakkat l-istat tal-minuri li gie mnissel fiz-zwieg, ma jistax jinghad li r-rekwiziti taht l-Artikolu 81 gew soddisfatti.*

*Dan iwassal biex fl-ahjar interess tal-minuri, l-istat tieghu ma jigix disturbat ghal dak li huwa llum u ghaldaqstant, l-istess terminu ta' sitt xhur kif ikkontemplat taht l-Artikolu 77C - li dejjem jibqa' tassattiv - isir irrilevanti gialdarba dina l-kawza ma tistax' treggi jekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 81 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jissoprassjedu fuq l-Artikolu 77C u l-presunzjoni legali ghandha tibqa' li hi, li DE huwa bin ZC. Oltre minn hekk, ladarba t-terminu ta' sitt xhur indikat fl-Artikolu 77C skada minghajr ebda intervent guridiku tal-attrici, dik l-eccezzjoni sejra tintlaqa wkoll.*

***DECIDE***

*Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-tielet u s-sitt eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici.*

*Spejjez a karigu tal-attrici."*

Illi mill-atti jidher illi b'rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2020, CP appella mis-sentenza, filwaqt li b'rikors ippreżentat fl-istess ġurnata omm ir-rikorrenti attwali nomine appellat ukoll. Il-Qorti tal-Appell tenniet illi:

*Aggravji li jolqtu t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tarReġistru Pubbliku.*

*8. Jibda biex jingħad li l-ewwel Qorti kkunsidrat li t-terminu ta' sitt xhur kontemplat fl-Artikolu 77C kien wieħed fatali għall-eżerċizzju tal-kawża. Dan minkejja li l-attriċi fis-7 ta' Frar 2018 kienet ippreżentat rikors ġuramentat ai termini tal-Art. 77C li bih*

*talbet lill-ewwel Qorti "…. tagħti permess biex tkompli bil-kawża sabiex b'hekk tiġi stabbilita l-paternita tal-minuri permezz tad-DNA u wara jsiru l-alterazzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri kif indikat fil-premess….." (fol. 96). Rikors li ma jirriżultax li ġie deċiż mill-*ewwel Qorti.

*9. Dan apparti l-fatt li r-rikors ġuramentat tas-7 ta' Frar, 2018, sar inutilment għaliex l-Art. 77C tal-Kodiċi Ċivili japplika biss fejn il-kawża ssir mill-persuna li tgħid li hi l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew mill-omm miżżewġa li weldet il-wild. Fil-każ tallum il-kawża saret mill omm għan-*nom tal-minuri *u mhux f'isimha personali.*

*10. Għaldaqstant, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tilqa' l-aggravju tal-attriċi nomine dwar l-*applikazzjoni tal-Art. *77C tal-Kodiċi Ċivili għall-każ in eżami.*

Il-Qorti tal-Appell iddecidiet l-appell billi:

*i.* *L-appell tal-attriċi nomine billi tilqa' l-*ewwel *aggravju u tvarja s-sentenza tal-*ewwel Qorti *tat-28 ta' Mejju, 2020, u għar-raġunijiet li ngħataw hawn fuq tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tarReġistru Pubbliku. Tiċħad il-kumplament tal-appell tal-attriċi nomine u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-*ewwel Qorti*. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal ¼ (wieħed minn erba') a karigu tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-kumplament a karigu tal-attriċi nomine. Għal dak li jirrigwarda spejjeż tal-*ewwel istanza, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku *għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' kull parti li għandha x'taqsam mat-tielet eċċezzjoni;*

*ii.* *ii. L-appell tal-imsejjaħ fil-kawża CP billi tiċħdu, bl-ispejjeż kollha kontrih.*

Illi minn harsa lejn ir-rikors guramentat, il-proceduri odjerni huma imsejsa fuq l-artikolu 86A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta Sub-titolu III, intestata: *Fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied imnissla u Mwielda Barra miz-Zwieg u Fuq il-Prezunzjoni li l-Persuna kienet Imnissla jew Imwielda matul iz-Zwieg,* u jistipula kif segwenti:

***86A.(1) Il-ġenitur li wiled iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-ġenitur li ma wiledx, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex jigi stabbilit il-ġenitur li ma wiledx u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni tal-ġenitur li ma wiledx fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***

***(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.***

Illi minn harsa lejn l-artikli li jirregolaw il-filjazzjoni tal-ulied, din il-Qorti tosserva illi l-Legislatur jaghti diversi persuni interessati fl-ambitu ta' wild imnissel u imwieled fiz-zwieg, id-dritt li jifthu azzjoni ghar-rigward u cioe:

- Dritt ta' azzjoni li konjugu li ma wiledx sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ – Artiklu 70

- Dritt ta' azzjoni li kull min ghandu interess jattakka il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iz-zwieg – Artiklu 77

- Dritt ta' azzjoni lil kull min jghid li huwa l-genitur naturali ta' wild imwieled fiz-zwieg jew il-werrieta tieghu biex jigi dikjarat bhala genitur naturali sabiex jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild – Artiklu 77A

- Dritt ta' azzjoni lill-genitur li wiled – Artiklu 77B

Fir-rigward it-tieni u t-tielet element, din il-Qorti tosserva illi gie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat. [6]

---

[6] Vide Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited kif citata fis-sentenza fl-ismijie Charles Cortis vs Francis X. Aquilina deiza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta' Settembru 2023 mill-Onor Imhallef Mr. J. R. Micallef

Illi minn naha l-ohra fid-decisjoni fl-ismijiet ***Dottor Jose Herrera nomine vs Anthony Cassar et nomine*** **tal-5 ta' Ottubru 1992,** il-Qorti ccitat is-sentenza fl-ismijiet **Catarina Gerada vs Avukat Dr Antonio Caruana deciza nhar is- 7 ta' Marzu 1958** u l-insenjamenti ta' **Mattirolo**, li jirritjeni illi:

> ***Intqal tajjeb illi "l-eccezzione di regiudicata si deve ammettere con molta circospenzione tanto piu quando trattasi di escludere un diritto…" ….jehtieg ghall-eccezzjoni tal-gudikat illi l-kwistjoni tkun giet "effettivament: deciza bis-sentenza ta' qabel u mhux biss li setghet tigi deciza…jghid Mattirolo "sta soltanto nel disposittivi onde e principio che la cosa giudicata risiede esclussivamente nella parte dispositiva, non nei motivi ." (Diritto Giudiziario Civile Vol V 28)***

Illi fuq dan il-punt ukoll nsibu xi divergenzi fl-insenjamenti guridici. Fis-sentenza fl-imsijiet: **Francesco Aquilina vs Neg Giuseppe Gasan et deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali** nhar il-5 ta' Novembru 1934 gie ritenut illi:

> ***Fir-rigward gie osservat ukoll illi "l-ligi tiddistinwgi bic-car bejn motivi u dispozittiv u trid li kull dikjarazzjoni li fil-hsieb tal-Qorti hija deciziva u obbligatorja ghandha tifforma parti mid-dispositiv u ghalhekk biex jigi stabbilit jekk is-sentenza ta qabel tiggustifikax l-eccezzjoni tal-gudikat ghandu jkun ezaminat id-dispositiv ta' dik is-sentenza u mhux il-motivazzjoni taghha."***

Illi din il-Qorti pero' tabbracja dak rilevat mill-Qorti fic-citata decisjoni fl-ismijiet ***Charles Cortis vs Francis X. Aquilina*** deiza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta' Settembru 2023 mill-Onor Imhallef Mr. J. R. Micallef illi:

> *Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u xxettlet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent.* ***M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[7] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta'***

[7] Art. 218 tal-Kap 12;

***sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[8];*** *[enfazi tal-Qorti]*

*Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 1967 fil-kawża fl-ismijiet Grima vs Fava et[9] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza; Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[10] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;*

Ili maghdud ma' dan huwa ta' relevanza cirkostanzi u l-fatti tal-proceduri odjerni l-insenjamenti tal-Qrati nostrali fis-segwenti decisjonijiet: ***Camilleri Elsa vs Briffa Joseph*** **deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza nhar l-24 ta' Novembru 2003** ***u Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited,*** **deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-17 ta' Frar 2000**. Illi fl-ewwel wahda il-Qorti tal-Appell preseduta mill-**Onor Imhallef Philip Sciberras** tenniet:

***Applikati dawn il-principji ghal kaz in diskussjoni ma tikkostitwix res judicata s-sentenza tat 2.10.1997 billi fiha kull ma gie rizolt kien biss kwistjoni ta' dritt procedurali rigwardanti l-kompetenza. Il-mertu ma giex aggudikat tant li l-appellant, konvenut f'dik il-kawza, la gie ikkundannat u lanqas liberat. Ghalhekk galadarba dik il-Qorti ma ppronuznzjatx ruhha fuq il-kwistjoni involuta tal-meritu fil-parti operativa tas-sentenza, isegwi illi l-appellati odjerni kellhom, u ghandhom, kull dritt jittutelaw id-drittijiet li baqghu bla mittiefsa b'sentenza li la cahdithom u lanqas laqghethom. (Enfasi ta' din il-Qorti).***

Illi similarment, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar tas-sena 2000 affermat illi:

---

[8] Vide App. Ċiv. 25.4.1938 fil-kawża fl-ismijiet Sciberras Trigona vs Sammut et (Kollez. Vol: XXX.i.131); App. Ċiv. 31.3.1952 fil-kawża fl-ismijiet Borġ vs Farruġia (Kollez. Vol: XXXVI.i.76) u App. Ċiv. 12.5.1958 fil-kawża fl-ismijiet Testaferrata Boniċi utrinque (Kollez. Vol: XLII.i.287)
[9] Kollez. Vol: LI.i.325
[10] Vide App. J. Camilleri vs L. Mallia (Kollez. Vol: LXXXII.ii.305) fuq imsemmija.

*"Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz "de quo" jirrizulta li ghalkemm l-oggett taz-zewg talbiet huma l-istess ghalkemm f'terminologija differenti, pero` xorta wahda l- "eadem res" mhux soddisfatt –* ***ir-raguni hija li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu tat-talba li kellha quddiemha, pero` illimitat ruhha li tichad it-talba peress li l-procedura adotta kienet wahda hazina****. Illi ghalhekk isegwi li ma kien hemm l-ebda decizjoni dwar is-sustanza tat-talba li kellha quddiemha dakinhar u li ghandha quddiemha l-Qorti kif illum presjeduta".*[11] *(Enfasi ta' din il-Qorti).*

Illi din il-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti, b'dana illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi huwa evidenti mill-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti fis-sentenza taghha fl-atti tal-kawza 181/17 AGV deciza nhar il- il-28 ta' Mejju 2020 u s-sussegwentament mill-Qorti tal-Appell, illi kienet sentenza li indirizzat biss l-eccezzjonijiet preliminari, fatt illi gie affermat ripettutament minn dik il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fl-imsemmija sentenza tant illi l-istess Qorti tenniet illi: *"Fil-kaz odjern, pero', dina l-Qorti qiedgha* ***biss tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari u lanqas ghadha biss semghet provi dwar il-mertu. [enfazi tal-Qorti"*** kif indikat sopra bl-enfazi ta' din il-Qorti fl-estratti citati mis-sentenza relattiva.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-eccezzjoni tar-res judicata hekk eccepieta mill-kjamati in kawza fir-Risposta Guramentata taghhom datata 9 ta' Awwissu 2023 u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[11] Registratur tal-Qrati Superjuri vs. M of Time Limited" – P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 – Citaz. Numru 1247/99/RCP) kif ri-prodotta fis-sentenza fl-ismijiet Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited deciza nhar id-9 ta' Jannar 2002 mill-Onor Mhallef R C Pace.